

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2011 — 3F vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-30/03 RENV) ⁽¹⁾

(“Għajnuna mill-Istat — Għajnuna fiskali mogħtija mill-awtoritajiet Daniżi — Baħħara impjegati fuq bastimenti rreġistrati fir-reġistru internazzjonali Daniż — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet — Rikors għal annullament — Diffikultajiet serji”)

(2011/C 331/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: 3F, li kien Specialarbejderforbundet i Danmark (SID) (Kopenhagen, id-Danimarka) (rappreżentanti: inizjalment P. Bentley, QC, u A. Worsøe, avukat, sussegwentement P. Bentley u P. Torbøl, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet u N. Khan, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: V. Pasternak Jørgensen u C. Vang, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002) 4370 finali, tat-13 ta' Novembru 2002, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet dwar miżuri fiskali Daniżi li japplikaw għall-baħħara fuq bastimenti rreġistrati fir-reġistru internazzjonali Daniż.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) 3F, li kien Specialarbejderforbundet i Danmark (SID), huwa kkundannat għall ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.
- (3) Ir-Renju tad-Danimarka għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess sostnuti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

⁽¹⁾ ĠU C 70, 22.03.2003.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2011 — Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill

(Kawża T-199/04) ⁽¹⁾

(“Dumping — Importazzjonijiet ta' friex tas-sodda tal-qoton li joriġina mill-Pakistan — Dannu — Rabta kawżali”)

(2011/C 331/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Gul Ahmed Textile Mills Ltd (Karachi, il-Pakistan) (rappreżentant: L. Ruessmann, avukat, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu))

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u B. Driessen, aġenti, assistiti minn G. Berrisch, avukat)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Scharf u K. Talabér-Ritz, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 397/2004, tat-2 ta' Marzu 2004, li jimponi dazju kontra d-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' friex tas-sodda tal-qoton li joriġinaw mill-Pakistan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 50, p. 26), sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 397/2004, tat-2 ta' Marzu 2004, li jimponi dazju kontra d-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' friex tas-sodda tal-qoton li joriġinaw mill-Pakistan, huwa annullat, sa fejn jikkonċerna lil Gul Ahmed Textile Mills Ltd.
- (2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk esposti minn Gul Ahmed Textile Mills.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 217, 28.08.2004.